

Brussell, 23 ta' Marzu 2026  
(OR. en, hu)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0404 (COD)

---

---

7427/26  
ADD 1

CODEC 471  
MIGR 86  
JAI 365  
ASIM 22  
SOC 162  
EMPL 71  
EDUC 88

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi Riżerva ta' Talenti tal-UE ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

---

#### L-Ungerija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

L-Ungerija tapprezza l-isforzi tal-Presidenza biex tiġi stabbilita Riżerva ta' Talenti.

Fl-istess waqt, nemmnu li n-nuqqas ta' ħaddiema fl-Ewropa jirriżulta primarjament mill-isfidi demografiċi tal-kontinent, li l-Ungerija mhux qed tfittex li tindirizza billi titħeġġeġ il-migrazzjoni.

Nemmnu li l-involviment ta' ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea tista' sservi l-aktar bħala soluzzjoni temporanja. Il-politika tal-impjegi tal-Ungerija tibqa' impenjata li tħares lis-suq tax-xogħol Ungeriż, li jirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema domestiċi, u jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema b'mod immirat.

Il-proposta toffri valur miżjud limitat għas-suq tax-xogħol fil-livell tal-UE, u fid-dawl ta' dan l-Ungerija ma tixtieqx tipparteċipa fit-tħaddim ta' din is-sistema. Il-parteeċipazzjoni volontarja hija element fundamentali tal-proposta. L-Ungerija tirrispetta kif Stati Membri oħra jixtiequ jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħhom.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi tal-Presidenza, għar-raġunijiet ippreżentati hawn fuq, l-Ungerija ser tastjeni milli tivvota dwar l-adozzjoni tar-regolament.

### **In-Netherlands talbu li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

In-Netherlands jirrikonoxxu li r-Riżerva ta' Talenti tal-UE tista' tikkontribwixxi biex ittaffi n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri. Nirrikonoxxu wkoll li proposti bħar-Regolament dwar ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE jistgħu jagħtu kontribut pożittiv għad-djalogu dwar il-migrazzjoni mal-pajjiżi sħab ta' oriġini u ta' tranżitu. Matul in-negozjati interistituzzjonali għidna l-attenzjoni b'mod estensiv għall-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. In-Netherlands huma tal-fehma li jeħtieġ li jiġi evitat kemm jista' jkun li ċittadini ta' pajjiżi terzi jintbagħtu b'mod mhux xieraq fl-Istati Membri tal-UE, ukoll fil-kuntest speċifiku tar-Riżerva ta' Talenti tal-UE. Prattiki bħal dawn ipoġġu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'pożizzjoni vulnerabbli, li jwasslu għal riskju ogħla ta' sfruttament tal-ħaddiema, joħolqu kompetizzjoni inġusta bejn il-kumpaniji u ġirja lejn l-aktar livell baxx fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u jevitaw il-politiki nazzjonali dwar il-migrazzjoni.

Għandna niżguraw li r-Riżerva ta' Talenti tal-UE ma tippermettix li ċittadini ta' pajjiżi terzi jintbagħtu f'post mhux xieraq. Wara kolloxx, ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE mhux ser tiffunzjona biex ittaffi nuqqasijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkun jistgħu jiġu stazzjonati malajr u għal perjodi twal ta' żmien fi Stati Membri oħra (anke dawk mhux parteċipanti). B'dan il-mod, l-istazzjonar fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talenti tal-UE mhux biss mhuwiex mixtieq għall-Istati Membri li qed jippruvaw jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll għal dawk li qed ifittxu impjieg u għall-Istati Membri riċeventi.

Għalhekk nemmnu li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali tal-UE biex jiġi promoss l-istazzjonar ġenwin ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex jiġi ċċarat il-qafas legali dwar l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Iċ-ċarezza legali, pereżempju permezz ta' Direttiva ġdida tal-UE, hija prekondizzjoni għal infurzar effettiv tar-regoli dwar l-istazzjonar. L-infurzar effettiv sussegwentement jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji u trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, l-isfidi relatati maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jkunu integrati sew fil-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

---